MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 372/2013

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micellef)
vs
**Dario Drago**
iben Alfredo, imwieled l-Italja, fid-9 ta' Ottubru, 1985,
detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana numru AR3661396.
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Dario Drago, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-5 ta' Awissu 2013, f'hinijiet differenti, minn gewwa l-'Alexandra Hotel' li tinsab fi Triq Schreiber, San Giljan u/jew mill-vicinanzi :

1. Minn gewwa l-kamra numru 507 ikkomettew serq ta' diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centesimu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesimu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Nicola Lisco,

Giuseppe Lippolis u/jew persuni ohra. (Artikoli 261 (f), (b), (c), 270, 263 (a) u 267 tal-Kodici Kriminali);

2. Minn gewwa l-kamra numru 112 ikkomettew serq ta' diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centesimu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesimu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Vanroose Marie Pauline Eugenie, Sarah Marine Manavy, Lepicard Matthieu Michel Jean, Gatien Christophe Dantan u/jew persuni ohra. (Artikoli 261 (f)(b)(c), 270, 263 (a) u 267 tal-Kodici Kriminali);

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centesimu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesimu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom. (Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Awwissu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (b), (c) u (f), 270, 263(a). 267, 278 u 334(a) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellant Dario Drago minnu pprezentat fit-12 ta’ Awwissu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:
(1) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati;

2) Tirriformaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija effettivi u minflok tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkoncerna l-fatt illi nonostante l-qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena li kienet tkun idoneja fil-kaz in ezami - kif anke jirrizulta mis-sentenza appellata - il-Qorti m'applikatx il-piena maqbula bejn il-partijiet.

Illi qabel ma l-imputat irregistra ammissjoni fil-kaz odjern, huwa kien gie iggwidat fis-sens illi fl-eventwalita' li jammetti, kien hemm qbil da parti tal-prosekuzzjoni illi tigi moghtija sentenza sospiza. Fil-fatt, kif jirrizulta mis-sentenza stess, kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar dan. Ghalhekk, l-imputat kien taht l-impressjoni illi jekk jammetti, huwa kien ser jinghata sentenza sospiza bhala piena ghar-reati li kien wettaq.

Illi l-Artikolu 453A tal-Kodici Kriminali jistabbilixxi illi qabel ma l-imputat jistqarr jekk huwhiex hati jew le, l-Avukat Generali u l-imputat jistghu jitolbu lill-Qorti sabiex f'kaz ta' ammissjoni da parti tal-imputat, tigi applikata dik is-sanzjoni u/jew mizura hekk kif mahsuba mil-ligi, tax-xorta u il-kwantita' maqbula bejn il-partijiet. Jekk ikun legittimu li l-Qorti timponi l- piena kif mitluba u ma jkunx hemm xi raguni ohra ghalfejn ghandha tichad it-talba, allura l-Qorti ghandha tghaddi sabiex taghti s-sentenza kif indikata lilha mill-partijiet.

Illi kif jidher mill-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 453A huwa rez applikabbli ghall-kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, b'dan illi t-talba lill-Qorti ghandha ssir permezz ta' nota li ssir konguntivament mill- Avukat Generali u l-imputat flimkien.

Illi huwa minnu illi allura, la ma saritx din in-nota kif mahsub mill-Artikolu 392A(5) fl-atti ta' din il-kawza, il-prosekuzzjoni u d-difiza ma mxewx bil-punt u l-virgola mad-dettami tal-Ligi, izda, madanakollu, jidher li l-ispirtu rikjest mil-Ligi, jigifieri dak l-animu ta' qbil, kien hemm u l-partijiet kienu lahqu l-ftehim taghhom dwar piena entro l-parametri imposti mil-Ligi.

Illi nonostante li l-principju *ignorantia legis neminem excusat* japplika b'mod universali, il-fatt illi l-appellant kien taht l-impressjoni li qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza kien bizzejjed sabiex jiggarantixxi l-applikazzjoni tal-piena maqbula ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta wiehed izomm f'mohhu li kien dan l-akkordju li stimula lill-appellant biex jammetti.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, ma kien hemm l-ebda raguni ghal£ejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddipartixxi mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet, stante li kien hemm qbil bejn il- partijiet u l-piena proposta kienet piena illi taqa' sewwa fil-parametri tal-Ligi. Inoltre, kif ser jigi amplifikat izjed 'il quddiem, sentenza sospiza mhix xi formula liberatorja, u f'ghajnejn il-legislatur ghandha l-istess piz ta' sentenza karcerarja effettiva - tant hu hekk, illi gudikant jista' japplikaha biss meta li kieku ma kinitx tezisti l-possibilta’ li tinghata sentenza sospiza, kien jinfliggi sentenza karcerarja effettiva (Art 28A(2) tal-Kodici Kriminali).

Illi ghalhekk, fl-umli opinjoni tal-appellant, la darba kien hemm l-elementi kollha ghal qbil bejn il-partijet, il-fatt li ma kienx hemm nota ai termini tal-Ligi mhux bizzejjed biex ixxejjen il-ftehim li gie ffinalizzat bejn il-partijet u li a bazi tieghu l-appellant kien lest illi jirregistra ammissjoni.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkoncerna l-piena inflitta.
Illi fil-kaz in ezami, meta l-appellant gie arrestat u gie eventwalment mitkellem mill-Pulizija, huwa kkopera bi shih mal-istess Pulizija, minghajr ma pprova jkun evaziv jew jinnega li wettaq reat.

Illi fil-fatt, l-appellant ammetta illi flimkien mal-ko-imputat l-iehor ikkommetta serq ta' varji oggetti minn zewgt (2) ikmamar fl-Alexandra Hotel, San Giljan, u dan kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata volontarjament minnu stess.

Illi li kieku ried, l-appellant seta' ma rrisponda ghall-ebda mistoqsija illi saritlu mill-Pulizija, izda huwa, minflok, ghazel li jikkopera u jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom.

Illi ghalhekk, ma hemm ebda dubju li l-ammissjoni tieghu kienet wahda bikrija, b'dan illi tali ammissjoni iffacilitat ix-xoghol tal-Pulizija u anke ma hlietx inutilment il-hin tal-Qorti.

Illi inoltre, mill-istqarrijiet irrilaxxjati mill-appellant u mill-ko-imputat l-iehor jidher car illi huma kienu lesti illi jirrestitwixxu l-valur kollu ta' dak illi huma kienu serqu lill-partijiet lezi. Mill-istess stqarrija tal-appellant, jidher car illi huwa kellu intenzjoni li jrodd l-affarijiet lura lill-Pulizija u kif ukoll illi din mhux l-ewwel darba illi huwa gie Malta. Fil-fatt qal illi gie *'hafna drabi f'Malta'* u illi qatt ma kellu xi jghid mal-gustizzja.

Illi tali volonta da parti tal-appellant u l-ko-imputat l-iehor turi illi huma kienu soghbiena ta' dak li kienu ghamlu - fil-fatt l-appellant qal fl-istqarrija *'jiddispjacini ta'  li ghamilt u li ma nergax qatt…'*, u li xtaqu li d-diversi partijiet lezi jergghu jigu moghtija dak li minnu kienu gew illegalment deprivati, sabiex b'hekk dawk li sofrew dannu jergghu jigu ri-integrati fl-istat li kienu fih qabel ma sar ir-reat.
Illi inoltre, il-fedina penali tal-appellant hija wahda ghal kollox netta. Hawnhekk terga' tingibed l-attenzjoni ghall-fatt illi l-appellant stess stqarr illi gie *'hafna drabi f'Malta'* .

Illi fl-umli opinjoni tal-appellanti, il-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalkemm kienet piena illi taqa' sewwa fil-pararnetri stabbiliti mil-Ligi, ma tirrispekkjax ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi dan qed jinghad peress illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma saret l-ebda riferenza ghall-fatt li huma xtaqu jirrestitwixxu dak li kienu serqu, u fl-umli opinjoni tal-appellanti ma inghatax bizzejjed piz ghall-fatt illi huwa ghandu fedina penali netta, il-fatt illi kkopera bi shih mal-Pulizija mill-ewwel mumenti tal- investigazzjoni, u l-fatt illi huwa ammetta fl-izjed mument bikri li seta' jaghmel dan, liema fatti, kif ser jigi muri iktar l-isfel huma materjali fid-determinazzjoni tal-piena.

Illi f'dan l-istadju, ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi[1] fejn il-Qorti qalet:

*In vista tal-ammissjoni tal-akkuzat, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx dubbju li bhala regola generali, meta akkuzat jammetti l-akkuza hu ghandu jibbenefika minn xi mitigazzjoni fil-piena*
liema principju gie riaffermat fis-sentenza moghtija fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs
Faustino Barbara[2].
Illi mill-bran appena citat, jirrizulta illi meta jkun hemm ammissjoni, l-imputat *ghandu* jibbenefika minn piena izjed leggera.

Illi inoltre, fis-sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Zammit[3] il-Qorti enfasizzat ukoll kemm hu importanti, fil-kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, l-istadju li fih tali ammissjoni ssir, u qalet illi:

*Meta akkuzat jammeii l-akkuzi dedotti kontra tieghu fi stadju bikri tal-proceduri, dan ghandu jibbenefika minn xi riduzzioni fil-piena. Naturalment, dan ma japplikax ghal kull kaz u l-Qorti trid tqis ukoll ic-cirkostanzi fejn u meta stqarr l-ammissioni tieghu l-imputat, cioe: jekk hux fil-mument tal-invstigazzjoni, jekk hux fil-mument tal-presentata l-Qorti, jekk hux fil-bidu tal-proceduri qabel ma l-prosekuzzjoni bdiet bil-provi taghha, jew jekk l-ammissjoni gietx registraia tard fil-proceduri, bl-isperanza li jkun hemm xi zball tekniku fil-procedura.*

Illi fil-kaz in dizamina, ma hemm ebda dubju li l-appellant ma setax jammetti fi stadju izjed bikri minn dak li fih huma fil-fatt ammeta, u ghalhekk hemm izjed lok ghal mitigazzjoni tal-piena favur tieghu.

---

[1] Qorti Kriminali, 24 ta' Frar 1997 VDG.

[2] Qorti Kriminali, 14 ta' Mejju 1998 PV.

[3] Qorti ta1-Magistrati, 12 ta' Dicembru 1997 CSH.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Aibrahim Bashir Ben Matue[4], il-Qorti
irriteniet illi :
*... hafna drabi jidhlu in konsiderazzjoni aspetti ta' natura personali ghal dik li hija piena kif ukoll cirkosianzi ohra li jistghu iirreferu ghall-'modus agendi', kif ukoll ghall-kooperazzjoni tal-akkuzat misjub hati mal-awtoritajiet tal-puliziia fl-investigazzjoni ta' l-istess reat ...*

Illi hawnhekk issir ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Attorney General's Ref (No 1 of 2006) (McDonald and Maternaghan) (2006) NICA 4[5] fejn intqal hekk:
*... If a defendant wishes to avail of the maximum discount in respect of a particular offence on account of his guilty plea he should be in a position to demonstrate that he pleaded guilty in respect of that offence at the earliest opportunity ... To benefit from the maximum discount on the penalty appropriate to any specific charge a defendant must have admitted his guilt of that charge at the earliest opportunity. In this regard the attitude of the offender during interview is relevant. The greatest discount is reserved for those cases where a defendant admits his guilt at the outset.*

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, ghalhekk l-appellant jhoss li dik il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz meta ghaddiet biex taghti s-sentenza finali.

Illi dan qed jinghad peress illi fis-sentenza appellata, ma jidhirx illi inghata bizzejjed piz lill-fatti li l-appellant u l-ko-imputat Rapisarda ikkoperaw bi shih mal-awtoritajiet u anke irregistraw ammissjoni fl-izjed stadju bikri li fih setghu jaghmlu dan, b'dan illi effettivament huma ghazlu li jservu ta' xhieda kontra taghhom stess.

---

[4] Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Jannar 1999

[5] Her Majesty's Court of Appeal in Northern Ireland, 24/0212006.

Illi ghalkemm meta ssir ammisjoni bikrija da parti tal-imputat mitigazzjoni fil-piena mhix xi haga li ghandha tiskatta awtomatikament, mill-brani citati hawn aktar 'il fuq, misluta mill- gurispudenza nostrana, jidher illi ghal ta' l-anqas, il-Qorti ghandha tpoggi tali ammissjoni fil- keffa tal-mizien meta tigi biex twiezen ic-cirkostanzi sabiex tasal ghall-piena li ghandha tinfliggi.

Illi f'dan l-istadju ssir riferenza ghall-Art 28A(2) tal-Kodici Kriminali li jaqra hekk:
*Qorti ma ghandhiex tittratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-Qorti jkun jidhriiha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ia' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza b'ordni bis-sahha tas-subartikolu (1).*

Illi minn dan johrog car illi meta tigi inflitta piena karcerja sospiza, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qieghda tillibera lill-hati u lanqas sempliciment tammonih, u dan peress illi dan is-subinciz jghid illi l-Qorti ghandha biss tghaddi sabiex taghti bhala piena sentenza sospiza meta, li kieku ma kinitx tezisti dik il-possibilita', kienet taghti piena karcerarja effettiva.

Illi minn tali artikolu, johrog car illi sentenza sospiza mhix xi piena leggera, izda hija wahda ekwiparabbli ghal piena karcerarja effettiva.

Illi wiehed irid ukoll izomm f'mohhu illi meta persuna tigi moghtija sentenza sospiza, tali pesuna tibqa' fid-dell ta' tali sentenza ghal tul il-perjodu operattiv kollu, b'dan illi jekk matul tali perjodu dik il-persuna twettaq reat iehor punibbli b'piena karcerarja, is-sentenza li sa dak iz-zmien tkun inzammet sospiza tibda ssehh.

Illi fil-kaz in ezami, tenut kont tal-fatti kollha - u b'mod partikolari tal-fatt illi l-appellant wera x-xewqa li jirrestitwixxi dak li kien seraq - l-appellanti huma tal-umli opinjoni illi l-piena karcerarja inflitta fuqhom setghet tkun wahda sospiza.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, sentenza sospiza taghmel ahjar ghall-kaz tieghu, u dan peress illi tramite tali sentenza, il-Qorti tkun tista' tordna li l-flus u l-oggetti misruq jew il-valur tal-istess ikunu jistghu jergghu jinraddu lura lid-derubati entro t-terminu li jigi minnha stabbilit, u inoltre, tali sentenza tkun tassigura wkoll l-imgieba tajba tieghu matul il-perjodu operattiv tal-istess sentenza, stante illi f'kaz illi jerga' jhabbtu difrejh mal-ligi, imbghad zgur li ma jsibx hniena mill-Qorti fl-applikazzjoni tal-ligi fil-konfront taghhom.

Illi b'tali mizuri, il-Qorti kienet tkun qed tolqot zewg ghasafar b'gebla wahda, peress illi min-naha l-wahda kienet tkun qiegheda tassigura illi d-derubati jergghu jigu moghtija dak li hu taghhom, u min-naha l-ohra kienet anke tkun qiegheda tin£1iggi piena idonea fuq l-appellant.

Illi f'dan l-istadju terga' ssir riferenza ghall-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, fejn fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Spiteri[6] intqal hekk:

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta’, izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga’, bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta’ illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-*

[6] Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Settembru 1993 CA.

*kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba;*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti marret totalment kontra dak enuncjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'din is-sentenza appena citata, u dan meta gie dikjarat illi piena karcerarja effettiva tkun xierqa fil-kaz in ezami "sabiex isservi ta' deterrent ghal strangieri ohra li jigu Malta bl-intenzjoni li jisirqu". Dan jindika illi, ceteris paribus, li kieku mhux sabiex isservi ta' deterrent, il-piena fir-rigward tal-appellant kienet tkun wahda iktar miti.

Illi ssir riferenza wkoll ghall-kaz identiku u ricenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Elena Nikolova u Yordanka Vasileoa' fejn ic-cirkostanzi kienu ezattament l-istess bhal dawk tal-kaz odjern, u fejn il-Qorti, osservat u qalet li

*"l-imputati ghamlu tajjeb ghas-serq li wettqu u materjalment ghaddew il-flus sabiex il-parijiet leza jkun mhallsin ghad-dannu li rcevew, u dan il-fatt abbinat mal-fedina penali netta tal-appellanti jinklina l-Qorti favur l-istess appellant biex issir varjazzjoni fis-sentenza appellata".*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali

Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva illi l-imputat appellant Dario Drago intavola zewg rikorsi tal-appell quddiem din il-Qorti sabiex iressaq l-ilment tieghu.

Illi pero' l-esponenti ser jaghzel li jirrispondi r-rikors tal-appell imressaq minn Walter Rapisadra u Dario Drago flimkien u dan sabiex ma jippregudikax id-dritt tal-appell ta' Walter Rapisadra.

Illi immedjatament l-esponenti jinnotta illi dan ***ir-rikors tal-appell*** hu wiehed ***li sar minn ammissjoni bikrija tal-***

***imputati appellanti*** tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghhom.

Illi l-imputati appellanti ma humiex qed jikkontestaw l-ammissjoni ta' htija taghhom u sejbien ta' htija a bazi tal-istess, izda li l-piena erogata fil-konfront taghhom mill-Qorti tal-Magistrati kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghal *fol* 27 fl-atti ta' din il-kawza fejn Walter Rapisadra jistqarr mall-Pulizija nhar il-05 t'Awissu 2013 *"**Iva. Morna <u>il-boghod milli xtaqna</u>. <u>Ahna ridna nisirqu ftit u sraqna aktar</u>**."*

Illi l-esponenti jidhirlu illi tassew kien jaghmel sens illi, ***<u>f'tali cirkostanzi,</u>*** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) riedet twassal messagg deterrenti u li dan ghamlitu permezz ta' piena karcerarja effettiva.

Illi barra minn hekk, il-piena erogata kienet ukoll wahda li kienet fil-parametri tal-ligi u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ebda mument ma kienet prekluza milli teroga tali piena.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti lill-appellant.

Illi fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant odjern, flimkien ma Walter Rapisarda, li hu l-appellant l-iehor f'appell li jgib in-numru 373/2013 li qed jigi deciz kontestwalment ma dan l-appell, iddepositaw is-somma ta' elfejn euro (€2,000) fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013. Dik is-somma tirrapresenta l-valur ta' oggetti u flus li huma kienu serqu mill-persuni ndikati fl-akkuza. Dawn il-flus gew konsenjati

lill-prosekuzzjoni biex jigu mqassmu skont id-Dokument TM1 li jinsab a fol. 82 tal-process.

Illi dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti l-abbli difensur tal-appellant iddiskuta sensiela ta' kawzi li fil-fehma tieghu kellhom jispiraw lill-Qorti fil-gudizzju taghha.

Illi a skans ta' ripettizjoni taghmel referenza shiha ghall-gurisprudenza misjuba fir-rikors tal-appell.

Illi ghandu jigi sottolineat li l-appellant kif gie nterrogat mill-pulizija mal-ewwel stqarr il-htija tieghu minghajr tlaqliq. Tali ammissjoni saret ukoll fl-ewwel seduta tal-kawza tieghu fejn mill-ewwel ammetta l-htija tieghu.  Fil-fatt, l-appellant iktar minhekk ma seta' jaghmel xejn.

Illi fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni l-ewwel Qorti erogat il-piena li fil-fehma taghha kien opportun f'dan il-kaz.

Illi l-ewwel Qorti kienet korretta fl-erogazzjoni ta' tali piena fuq l-iskorta ta' l-informazzjoni li kellha u minhabba l-fatt li l-appellant kien ghadu ma ghamel xejn biex jikkompensa l-vittmi tal-eghmil tieghu.

Illi l-abbli difensur tal-appellant argumenta li minhabba l-fatt li l-appellant illum hallas kollox lill-vittmi hu ghandu jibbenfika minn dak miftiehem originarjament mal-prosekuzzjoni u cioe' li jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma tali sottomissjoni.  Kieku l-appellant hallas dak kollu dovut fl-ewwel seduta tali argument kien ikun validu.

Illi madankollu, in linea mal-insenjamenti hawn fuq imsemmija ghalkemm il-piena tal-prigunerija hi wahda equa fic-cirkostanzi din ghandha titnaqqas tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.  Thassar u tirrevoka l-parti

fejn l-appellant gie kkundannat ghal piena ta’ ghaxar (10) xhur prigunerija u minflok tissostitwixxi dik il-piena, bil-piena ta’ erba’ (4) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------